

DEĊIŻONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2016/1136

tat-12 ta' Lulju 2016

li taġġorna l-lista ta' persuni, gruppi u entitajiet soġġetti għall-Artikoli 2, 3 u 4 tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK dwar l-applikazzjoni ta' miżuri speċifiċi fil-ġlieda kontra t-terroriżmu, u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2015/2430

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Ġholi tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fis-27 ta' Diċembru 2001, il-Kunsill adotta l-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK ⁽¹⁾.
- (2) Fil-21 ta' Diċembru 2015, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2015/2430 ⁽²⁾ li taġġorna l-lista ta' persuni, gruppi u entitajiet soġġetti għall-Artikoli 2, 3, u 4 tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK ("il-lista").
- (3) F'konformità mal-Artikolu 1(6) tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK, jinħtieġ li ssir rieżami f'intervalli regolari tal-ismijiet ta' persuni, gruppi u entitajiet fil-lista biex jiġi żgurat li jkun hemm raġunijiet sabiex dawn jinżammu fiha.
- (4) Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi r-riżultat tar-rieżami li l-Kunsill wettaq fir-rigward tal-persuni, gruppi u entitajiet li għalihom japplikaw l-Artikoli 2, 3 u 4 tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK.
- (5) Il-Kunsill ivverifika li l-awtoritajiet kompetenti, kif imsemmi fl-Artikolu 1(4) tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK, ħadu deċiżjonijiet fir-rigward tal-persuni, il-gruppi u l-entitajiet kollha fil-lista fejn jirriżulta li dawn kienu involuti f'atti terroristiċi fis-sens tal-Artikolu 1(2) u (3) tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK. Il-Kunsill ikkonkluda li l-persuni, il-gruppi u l-entitajiet li għalihom japplikaw l-Artikoli 2, 3 u 4 tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK għandhom jibqgħu soġġetti għall-miżuri restrittivi speċifiċi previsti fihom.
- (6) Il-lista għandha tiġi aġġornata skont dan u għandha titħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2015/2430,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-lista ta' persuni, gruppi u entitajiet li għalihom japplikaw l-Artikoli 2, 3 u 4 tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK tinsab fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Id-Deċiżjoni (PESK) 2015/2430 qiegħda b'dan titħassar.

⁽¹⁾ Il-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2001/931/PESK tas-27 ta' Diċembru 2001 dwar l-applikazzjoni ta' miżuri speċifiċi fil-ġlieda kontra t-terroriżmu (ĠU L 344, 28.12.2001, p. 93).

⁽²⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/2430 tal-21 ta' Diċembru 2015 li taġġorna l-lista ta' persuni, gruppi u entitajiet soġġetti għall-Artikoli 2, 3 u 4 tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK dwar l-applikazzjoni ta' miżuri speċifiċi fil-ġlieda kontra t-terroriżmu, u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2015/1334 (ĠU L 334, 22.12.2015, p. 18).

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Lulju 2016.

Għall-Kunsill

Il-President

P. KAŽIMÍR

ANNEX

LISTA TA' PERSUNI, GRUPPI U ENTITAJIET IMSEMMIJA FL-ARTIKOLU 1

I. PERSUNI

1. ABDOLLAHI Hamed (magħruf ukoll bħala Mustafa Abdullahi), imwield fil-11 ta' Awwissu 1960 fl-Iran. Passaport: D9004878.
2. AL-NASSER, Abdelkarim Hussein Mohamed, imwield f'Al Ihsa (Arabja Sawdija), ċittadin tal-Arabja Sawdija.
3. AL YACOUB, Ibrahim Salih Mohammed, imwield fis-16 ta' Ottubru 1966 f'Tarut (Arabja Sawdija), ċittadin tal-Arabja Sawdija.
4. ARBABSJAR Manssor (magħruf ukoll bħala Mansour Arbabsjar), imwield fis-6 jew fil-15 ta' Marzu 1955 fl-Iran. Ċittadin Iranjan u tal-Istati Uniti. Passaport: C2002515 (Iran); Passaport: 477845448 (Stati Uniti tal-Amerika). Numru tal-ID nazzjonali: 07442833, data tal-iskadenza l-15 ta' Marzu 2016 (liċenzja tas-sewqan tal-Istati Uniti tal-Amerika).
5. BOUYERI, Mohammed (magħruf ukoll bħala Abu ZUBAIR, magħruf ukoll bħala SOBIAR, magħruf ukoll bħala Abu ZOUBAIR), imwield fit-8 ta' Marzu 1978 f'Amsterdam (in-Netherlands) — membru tal-"Hofstadgroep".
6. IZZ-AL-DIN, Hasan (magħruf ukoll bħala GARBAYA, Ahmed, magħruf ukoll bħala SA-ID, magħruf ukoll bħala SALWWAN, Samir), il-Libanu, imwield fl-1963 fil-Libanu, ċittadin tal-Libanu.
7. MOHAMMED, Khalid Shaikh (magħruf ukoll bħala ALI, Salem; magħruf ukoll bħala BIN KHALID, Fahd Bin Adballah; magħruf ukoll bħala HENIN, Ashraf Refaat Nabith; magħruf ukoll bħala WADOOD, Khalid Adbul) imwield fl-14 ta' April 1965 jew fl-1 ta' Marzu 1964 fil-Pakistan, passaport Nru 488555.
8. SHAHLAI Abdul Reza (magħruf ukoll bħala Abdol Reza Shala'i, magħruf ukoll bħala Abd-al Reza Shalai, magħruf ukoll bħala Abdorreza Shahlai, magħruf ukoll bħala Abdolreza Shahla'i, magħruf ukoll bħala Abdul-Reza Shahlaee, magħruf ukoll bħala Hajj Yusef, magħruf ukoll bħala Haji Yusif, magħruf ukoll bħala Hajji Yasir, magħruf ukoll bħala Hajji Yusif, magħruf ukoll bħala Yusuf Abu-al-Karkh), imwield bejn wieħed u ieħor fl-1957 fl-Iran. Indirizzi: (1) Kermanshah, l-Iran, (2) Bażi Militari ta' Mehran, Provinċja ta' Ilam, l-Iran.
9. SHAKURI Ali Gholam, imwield bejn wieħed u ieħor fl-1965 f'Teheran, l-Iran.
10. SOLEIMANI Qasem (magħruf ukoll bħala Ghasem Soleymani, magħruf ukoll bħala Qasmi Sulayman, magħruf ukoll bħala Qasem Soleymani, magħruf ukoll bħala Qasem Solaimani, magħruf ukoll bħala Qasem Salimani, magħruf ukoll bħala Qasem Solemani, magħruf ukoll bħala Qasem Sulaimani, magħruf ukoll bħala Qasem Sulemani), imwield fil-11 ta' Marzu 1957 fl-Iran. Ċittadin Iranjan. Passaport: 008827 (Diplomatiku Iranjan), maħruġ fl-1999. Titolu: Maġġur Ġeneral.

II. GRUPPI U ENTITAJIET

1. "L-Organizzazzjoni Abu Nidal" — "ANO" (magħrufa wkoll bħala l-"Kunsill Rivoluzzjonarju tal-Fatah", magħrufa wkoll bħala l-"Brigati Rivoluzzjonarji Għarab", magħrufa wkoll bħala s-"Settembru l-Iswed", magħrufa wkoll bħala l-"Organizzazzjoni Rivoluzzjonarja tal-Musulmani Soċjalisti".
2. Brigata tal-Martri ta' Al-Aqsa.
3. al-Aqsa e.V.
4. "Babbar Khalsa".
5. "Partit Komunista tal-Filippini", inkluż l-"Armata l-Ġdida tal-Poplu" — "NPA", il-Filippini.
6. "Gama'a al-Islamiyya" (magħruf ukoll bħala "Al-Gama'a al-Islamiyya") ("Grupp Iżlamiku" — "IG").
7. "İslami Büyük Doğu Akıncılar Cephesi" — "IBDA-C" ("Front Iżlamiku tal-Ġellieda tal-Lvant il-Kbir")
8. "Hamas", inkluż "Hamas-Izz al-Din al-Qassem".
9. "Fergħa Militari tal-Hizballah" (magħrufa wkoll bħala l-"Fergħa Militari tal-Hezbollah", magħrufa wkoll bħala l-"Fergħa Militari ta' Hizbullah", magħrufa wkoll bħala l-"Fergħa Militari ta' Hizbollah", magħrufa wkoll bħala l-"Fergħa Militari ta' Hizbullah", magħrufa wkoll bħala l-"Fergħa Militari ta' Hizbu'llah", magħrufa wkoll bħala l-"Fergħa Militari ta' Hizb Allah", magħrufa wkoll bħala l-"Kunsill tal-Ġiħad" (u l-unitajiet kollha li jirrapportaw lilha, inkluża l-Organizzazzjoni Esterna tas-Sigurtà)).

10. “Hizbul Mujahideen” — “HM”.
 11. Hofstadgroep.
 12. “Khalistan Zindabad Force” — “KZF”.
 13. “Partit tal-Ħaddiema tal-Kurdistan” — “PKK” (magħruf ukoll bħala “KADEK”, magħruf ukoll bħala “KONGRA-GEL”).
 14. “Tigri għal-Liberazzjoni tat-Tamil Eelam” — “LTTE”.
 15. “Ejército de Liberación Nacional” (“Armata għal-Liberazzjoni Nazzjonali”).
 16. “Ġiħad Iżlamika tal-Palestina” — “PIJ”.
 17. “Front Popolari għal-Liberazzjoni tal-Palestina” — “PFLP”.
 18. “Front Popolari għal-Liberazzjoni tal-Palestina — Kmand Ġenerali” (magħruf ukoll bħala “PFLP — Kmand Ġenerali”).
 19. “Fuerzas armadas revolucionarias de Colombia” — “FARC” (“Forzi Armati Rivoluzzjonarji tal-Kolombja”).
 20. “Devrimci Halk Kurtuluş Partisi-Cephesi” — “DHKP/C” (magħruf ukoll bħala “Devrimci Sol” (“ix-Xellug Rivoluzzjonarju”), magħruf ukoll bħala “Dev Sol”) (“Armata/Front/Partit Rivoluzzjonarju għall-Ħelsien tal-Poplu”).
 21. “Sendero Luminoso” — “SL” (“Trij li Tididi”).
 22. “Teyrbazen Azadiya Kurdistan” — “TAK” (magħruf ukoll bħala l-“Falkuni għall-Ħelsien tal-Kurdistan”, magħruf ukoll bħala l-“Isqra għall-Ħelsien tal-Kurdistan”).
-